MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1262/2002

**Anthony Spagnol**

**vs**

**Marianne Agius f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' bintha minuri Kyle Spagnol; u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti Marianne Agius u Anthony Spagnol izzewgu fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju 1997 gewwa Birzebbuga u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal, cjoe' Celine u Jean-Etienne li ghandhom erba' (4) snin u tliet (3) snin rispettivament;

Illi nhar it-8 t'Ottubru 2002 gewwa l-isptar San Luqa, l-konvenuta Marianne Agius welldet tarbija, u precizament tifel li semmiet Kyle u dan skond kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid numru 3731/2002 (immarkat Dok. "A").

Illi l-attur gie mnizzel u registrat fl-imsemmi certifikat ta' twelid bhala missier l-imsemmi tifel minuri.

Illi fis-26 ta' Frar 2002, il-kontendenti Marianne Agius u Anthony Spagnol ottjenew separazzjoni personali u dan kif jemergi mill-hawn anness Digriet tas-Sekond' Awla Nru. 298/2002 (immarkat bhala Dok. "B" u mill-kuntratt ta' separazzjoni datat 26 ta' Frar 2002 fl-atti tan-Nutar Sandra Valentino (hawn anness u mmarkat Dok. "C").

Illi fil-fatt il-kontendenti ilhom ma jghixu flimkien sa mit-8 ta' Dicembru 2001 u certament ma kellhomx rapporti ntimi bejniethom.

Illi l-perjodu ta' separazzjoni fizika tal-kontendenti Marianne Agius u Anthony Spagnol, teccedi l-perjodu ta' tliet mitt (300) jum stabbilita fil-Ligi ghall-fini tal-prezunzjoni tal-legittimita' tal-wild ta' mara mizzewga.

Illi dakinhar stess li spiccat il-konvivenza ta' bejn il-kontendenti, il-konvenuta bdiet tikkoabita ma' ragel iehor, Emanuel Bugeja.

Illi l-imsemmi tifel minuri Kyle Spagnol ma huwiex il-wild naturali ta' l-attur u dan kif jirrizulta mill-fatt tas-separazzjoni kontinwa u mhux interrotta tal-kontendenti matul il-perjodu kollu materjali f'dan ir-rigward u kif sejjer ukoll jigi stabbilit mill-provi illi jingabru matul is-smiegh ta' din il-kawza u l-verifiki genetici u xjentifici illi jistghu jigu kondotti;

Illi jezisti konflitt bejn ir-realta' ta' l-istat tal-minorenni u l-istat tieghu kif iddikjarat fl-Att tat-Twelid tieghu li jgib in-numru 3731/2002;

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Previa, okkorrendo bl-opera ta' Periti Teknici, u okkorrendo wkoll permezz ta' dawk it-testijiet u verifiki genetici u xjentifici kontemplati mill-**artikolu 70 tal-Kapitolu 16**, illi jistghu jigu ordnati minn dina l-istess Qorti u kondotti mill-Periti Teknici talvolta nominati, tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi minuri Kyle Spagnol ma huwiex it-tifel naturali ta' l-attur Anthony Spagnol b'mod li ghalhekk hemm lok ghall-korrezzjoni ta' l-Att tat-twelid ta' l-imsemmi minuri f'dan is-sens.

2. Tordna ghalhekk il-korrezzjoni fl-Att tat-twelid ta' l-imsemmi minuri Anthony *(corregge: Kyle)* Spagnol, numru 3731/2002 b'mod illi r-rizultanzi ta' l-ewwel talba jigu korrettament u fedelment rispekkjati fl-istess certifikat ta' twelid billi, *inter alia* jigu kancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid, l-isem u l-konnotati kollha l-ohra ta' l-attur Anthony Spagnol u l-istess jigu sostitwiti b'dak it-taghrif iehor illi jigi ordnat minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 14 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tas-27 ta' Frar 2003 a fol. 23 fejn gie eccepit:-

1. Illi l-esponent mhux edott mill-fatti tac-citazzjoni u jirrimetti ruhu ghall-provi kollha li se jingiebu, inkluz il-provi xjentifiki li jkunu opportuni, ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi l-korrezzjoni mitluba fl-Att tat-Twelid numru 3731 tas-sena 2002 mhumiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut u ghalhekk l-esponent m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol. 23 sa 25 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 t'April 2003 fejn Dr. Roma D'Alessandro ghad-Direttur Registru Pubbliku talbet li jigu nominati Periti Xjentifici. Il-Qorti stiednet lill-partijiet sabiex aktar 'il quddiem wara li jingabru l-provi jindikaw jekk humiex disposti li joqoghdu ghall-istess testijiet xjentifici. Inghata digriet affidavit tal-partijiet b'terminu ta' erbghin (40) jum kull wiehed.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Marianne Agius tat-8 t'April 2003 a fol. 29 fejn gie eccepit:-

1. Illi t-tifel Kyle mwieled fit-8 t'Ottubru 2002 mhuwiex iben l-attur Anthony Spagnol izda l-frott ta' relazzjoni li nbdiet mill-eccipjenti fiz-zmien li hija kienet separata *de facto* mill-attur qabel giet biex isseparat legalment minnu.

2. Bir-riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta Marianne Agius a fol. 30 tal-process.

Rat in-nota tal-attur datata 15 ta' Mejju 2003 li permezz taghha esebixxa sitt (6) affidavits, u cjoe', tieghu stess, ta' missieru Anthony Spagnol, ta' Alfred Spagnol, ta' Ronald Cassar, ta' Benny Desira u ta' Adriana Spagnol.

Rat in-nota tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tas-27 ta' Mejju 2003 li permezz taghha rriserva d-dritt ta' kontro-ezami tal-istess xhieda li taghhom l-atturipprezenta l-affidavits.

Rat ir-rikors tal-attur datat 31 ta' Lulju 2003 fejn talab li l-partijiet u l-minuri Kyle jigu ordnati joqoghdu ghal dawk it-testijiet kollha mehtiega sabiex tigi stabbilita l-paternita' tal-istess Kyle Spagnol.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-4 t'Awissu fejn ordnat li jinzammu l-istess testijiet tad-DNA relattivi, u ghal dan l-iskop gie nominat l-Espert Xjentifiku Renald Blundell.

Rat ir-risposta tal-konvenuta tal-10 ta' Settembru 2003 li permezz taghha pprezentat kopja awtentikata ta' *DNA Paternity Test Report* appartenenti lill-partijiet, il-minuri Kyle Agius u l-missier naturali Emanuel Bugeja.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti fejn talbet li din ir-risposta bid-dokumenti kollha tigi notifikata lill-kontro-parti li jkollu jumejn zmien ghal risposta.

Rat in-nota tal-Espert Xjentifiku tas-16 ta' Settembru 2003.

Rat il-verbal tal-14 t'Ottubru 2003 fejn id-difensuri rrimettew ruhhom ghall-atti u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 t'Ottubru 2003.

Rat id-Digriet datat 16 ta' Ottubru 2003, li qed jinghata fil-korp ta' din s-sentenza fejn il-Qorti ordnat il-korrezzjoni fit-tieni talba attrici b'dan li l-isem *"Anthony"* fit-tieni linja tal-istess talba jigi sostitwit bl-isem *"Kyle".*

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attur **Anthony Spagnol** permezz tal-procedura tal-affidavit sostna hekk:-

*"Nghid li jien sirt naf lil Marianne Agius xi sitt (6) xhur qabel iz-zwieg. Izzewwigna fil-fatt nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju 1997 gewwa Birzebbuga. L-ewwel wild Celine li llum ghandha hames (5) snin twieldet sitt (6) xhur wara d-data taz-zwieg taghna. Sena wara twieldet it-tieni wild taghna, Jean-Etienne li llum ghandu tliet (3) snin.*

*Domna nghixu flimkien jiena u Marianne Agius ghal madwar hames snin. Niftakar li nhar it-13 ta' Dicembru 2001 jiena kont sirt naf li l-mara tieghi kellha relazzjoni ma' terza persuna. Minn dakinhar ahna ma bqajniex nghixu flimkien.*

*Nghid li l-mara tieghi telqet mid-dar matrimonjali mal-ewwel u marret tghix ma' din it-terza persuna, certu Emanuel Bugeja. Dan sehh fit-13 ta' Dicembru 2001. Nghid li ahna minn dik id-data bdejna niltaqghu biss darbtejn fil-gimgha limitatament pero' biex naghtu t-tfal taghna lil xulxin.*

*Minn dak iz-zmien 'l hawn ahna qatt ma ffrekwentajna lil xulxin u bl-ebda mod ma kellna relazzjoni ntima ma' xulxin.*

*Fis-26 ta' Frar 2002, jiena u l-mara tieghi, Marianne Agius, gibna separazzjoni personali bejnietna u dan bis-sahha ta' Digriet tas-Sekond' Awla Nru. 298/2002 fl-Atti tan-Nutar Sandra Valentino. Bis-sahha ta' dan id-Digriet ta' separazzjoni jiena bqajt nirrisjedi d-dar matrimonjali u l-mara tieghi marret tghix permanentament ma' Emanuel Bugeja.*

*Ftit wara li hadna s-separazzjoni ndunajt li Marianne Agius dehret li kienet tqila b'tarbija. Meta tkellimna hija nfurmatni li kienet fil-fatt tqila b'tarbija ta' Emanuel Bugeja. Hija baqghet tinfurmani bl-izvilupp tat-tqala taghha u fil-fatt sirt naf li fit-8 t'Ottubru 2002 gewwa l-Isptar San Luqa, Marianne Agius welldet tarbija, u precizament tifel li semmiet Kyle.*

*Marianne Agius dejjem insistiet li t-tifel ma kienx tieghi izda ta' Emanuel Bugeja. Fil-fatt dan it-tifel qatt ma seta' kien tieghi u dan peress illi konna ilna ma noqoghdu flimkien sa mit-13 ta' Dicembru 2001.*

*Lili nfurmatni li kienet marret ir-Registru Pubbliku biex tirregistra t-tifel fuq Emanuel Bugeja. Infurmatni wkoll li*

*huma, min-naha tar-Registru Pubbliku bdew jirregistraw it-tifel fuq Emanuel Bugeja.*

*Hija mbaghad ipprezentatli c-certifikat tat-twelid tat-tifel minuri bl-isem Kyle li juri li jiena registrat bhala missieru.*

*Jiena niddikjara li dan it-tifel ma huwiex tieghi u dan nghidu peress li jien ma kelli l-ebda atti ntimati ma' Marianne Agius sa mix-xahar ta' Dicembru tas-sena 2001".*

Illi gew prezentati wkoll hames xhieda ohra mill-attur li lkoll taw ix-xhieda taghhom permezz tal-procedura tal-affidavit, u dawn huma **Anthony Spagnol** (missier l-attur), **Alfred Spagnol, Ronald Cassar, Benny Desira** u **Adriana Spagnol.**

Illi fuq kollox gie prezentat rapport xjentifiku maghmul minn Dr. Claire Barbara a fol. 49 tal-process fejn jirrizulta li jinghad li :-

*"DNA profiling was performed on samples collected from the mother (Date of Birth 28/05/1981) the alleged father (Date of Birth 10/08/1958) and the child (Date of Birth 08/10/10/2002). In the 15 of the 15 loci tested, the DNA results do not exclude the alleged father from being the biological father of the Child tested. Assuming that the samples obtained were collected from the above mentioned persons, these results are consistent with the alleged father being the biological father of the Child tested. The results indicate a Combined paternity Index (CPI) of 29,261,788. The propability of paternity is at least 99.99%".*

## (ii) PRINCIPJI LEGALI.

Illi din il-kawza saret sabiex il-minuri Kyle Spagnol li gie registrat b'kunjom l-attur jigi dikjarat li mhux iben l-istess attur *stante* li huwa ma huwiex missieru u fil-fatt qed jitlob li l-istess minuri jigi dikjarat li mhuwiex il-wild naturali ta' l-attur bil-konsegwenti tibdil rikjest fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri Nru. 3731/2002.

Illi l-**artikolu 70 tal-Kap 16** jghid li:

*(1) "Ir-ragel jista' jichad li jaghraf it-tifel imnissel matul iz-zwieg :-*

*(a) jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tifel, hu kien fl-impossibbiltà fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien boghod minnha, jew minhabba xi accident iehor; jew*

*(b) jekk, fiz-zmien hawn fuq imsemmi, kien mifrud de facto jew legalment minn martu:*

*Izda ma jistax jichad lit-tifel jekk matul dak iz-zmien ikun rega' nghaqad ma' martu, ukoll jekk temporanjament; jew*

*(c) jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi kien milqut b'impotenza, ukoll jekk dik l-impotenza kienet wahda fit-tnissil; jew*

*(d) jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi martu kienet ghamlet adulterju jew kienet hbiet it-tqala u t-twelid tat-tarbija, u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor (li jista' wkoll ikun testijiet u provi genetici u xjentifici) li x'aktarx jeskludu dik il-paternita`.*

*(2) Id-dikjarazzjoni biss ta' l-omm fis-sens li zewgha mhux missier it-tifel ma tkunx bizzejjed biex teskludi l-paternità tar-ragel.*

*(3) Il-Qorti tista' f'kawza ghac-cahda ta' l-gharfien tat-tarbija, tistieden lill-partijiet kollha jew xi wahda minnhom, kif ukoll lill-wild li l-filjazzjoni tieghu tkun fid-dubju, sabiex joqoghdu ghall-ezamijiet mehtiega biex tigi stabbilita kull prova genetika li jkollha x'taqsam mal-kaz. Il-Qorti jkollha l-jedd li tasal ghal dawk il-konkluzjonijiet li jistghu jkunu gustifikati jekk parti ma tkunx trid taghmel dawk l-ezamijiet. Meta t-tifel li dwar il-filjazzjoni tieghu jkun hemm kwistjoni jkun minuri, il-Qorti stess ghandha tistabbilixxi jekk it-tifel jaghmilx l-ezamijiet."*

Illi fil-fatt din l-azzjoni ttentata mill-attur hija dik ta' denegata paternita` u hija wahda minn tliet azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakkata l-legittimita' ta' l-ulied u cjoe':

(a) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew ta' *denegata paternita'* a bazi tal-**artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa ndikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassattivament fis-**subartikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-prezunzjoni *"pater est quae iustiae demonstrat",* u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma fuq kollox ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta' l-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**artikolu 73 tal-Kap 16.**

(b) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel *ai termini* ta' l-**artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta' iben legittimu u ghaliha japplikaw ir-regoli stabbiliti fl-**artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propozitu ta' din l-azzjoni nghad fil-kawza **"Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et"** (A.C. 14 ta' Jannar 1952 li:-

*"Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita' hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi.*

*It-tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra nteressati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibilita' fizika ta' koabitazzjoni tal-prezenti predicatori tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza.*

*Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' ricerka tal-paternita' tieghu bil-fatt li dik l-impossibbilta'*

*fizika ma tirrizultax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu”*

Illi f’kaz maghmul a bazi ta’ din l-azzjoni fis-sentenza **“Walter Ahar nomine vs Pio Micallef”** (P.A. (AJ M) 21 ta’ Frar 1996) inghad illi *“minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta’ omm it-tarbija kien prezenti Malta u kellu l-possibbilta’ li jkollu relazzjoni ma’ martu, ma ghandu jkun ta’ ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita’ tal-missier naturali tal-istess attur”.*

(c) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn ghal dak li huwa relevanti ghal dik il-kawza fl-**artikolu 77** jinghad li:-

*“Il-legittimita’ ta’ tifel imwieled matul iz-zwieg tista’ tigi attakkata minn kull min ghandu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f’impossibbilta’ li jghammar ma’ martu minhabba li kien ’il boghod minnha”.*

Illi din l-ahhar azzjoni msemmija ta’ mpunjazzjoni ta’ legittimita’ hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-istess tifel peress li hija disponibbli ghal min ghandu nteress, inkluz il-persuna li tallega li hija missier it-tifel.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita’ lill-diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita’ jew anke kontestata l-legittimita`.

Illi pero’ fl-opinjoni ta’ din il-Qorti l-azzjoni abbazi tal-**artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta’ iben legittimu ma jista’ jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-i*status* ta’ iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma’ tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ttentata skond **l-artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta’ iben jew bint li skond l-att ta’ twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala

legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta’ twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta’ legittimu.

Illi l-pussess ta’ l-istat ta’ iben legittimu skond **l-artikolu 80** *“stabbilit minn gabra ta’ fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta’ filjazzjoni u ta’ demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.*

*L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) Illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) Illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f’dik il-kwalita’ haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah*;

*(c) Illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali min-nies;*

*(d) Illi huwa ikun maghruf bhala tali mill-familja”.*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **“Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et”** (PA.(RCP) 26 ta’ Jannar 2000) li skond il-provvedimenti ta’ l-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta,** huwa biss jekk ikun hemm *“nuqqas ta’ att ta’ twelid **jew** tal-pussess ta’ stat* (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) *inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, … … … li l-prova tal-filjazzjoni tista’ ssir b’xhieda ohra li tista’ tingieb skond il-ligi”.*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzjoni logika li tista’ tinghata meta jigu mqabbla l-**artikoli 81** mal-**artikolu 77,** *stante* li jidher li fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, l-kundizzjoni kontenuta fl-**artikolu 77** dwar l-impossibbilta’ fizika, hija wkoll kundizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti l-minuri jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **“Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku”** (P.A. (RCP) 13 ta’ Jannar 1999) fejn inghad b’riferenza ghall-fatti f’dik il-kawza li *“Dwar l-**artikolu 81** … … … jigi ndikat li tali*

*artikolu ma huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna, peress li jidher car mis-segwenti fatt fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel ma' l-att tat-twelid peress li l-persuna ndikata kienet ilha nieqsa … ... u ommu kienet tghix biss ma' l-attur".*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess ta' l-istess stat konformi mal-att ta' twelid, hadd ma jista' jattakka dan l-istat abbazi ta' l-**artikolu 77** anke jekk tigi ppruvata l-impossibilita' fizika ndikata fl-istess artikolu. Illi dan gie ukoll konfermat fis-sentenzi **"Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri"** (Vol.XXXII.ii.309) u **"Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et"** (P.A. RCP 18 ta' Jannar 2000) fejn inghad li:-

*"Illi dan ifisser illi skond il-provvedimenti ta' l-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** jekk ikun hemm nuqqas ta' att ta' twelid **jew** ta' pussess ta' stat (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz … … il-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta' stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli".*

Illi dan l-istat fattwali japplikaw in-normi stabbiliti fis-sentenza ta' dina l-Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef et."** deciza fil-21 ta' Frar 1996 peress li ma jezistix l-istat ta' paternita' li huwa fattwalment konformi mal-istess certifikat tat-twelid. Illi dwar il-prova necessarja u l-principji applikabbli u a skans ta' repetizzjoni din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza taghha fl-ismijiet **"Anthony Sant vs John Cutajar et"** (RCP 10 ta' Novembru 1999).

Illi japplikaw ukoll pero' n-normi stabbiliti minn din il-Qorti fl-interpretazzjoni li qieghda taghti lill-kuncetti ta' *"boghod"* u *"mpossibbilta' fizika"* msemmija fl-**artikolu 77 tal-Kapitolu 16**, fis-sens illi dawn in-normi ghandhom jigu nterpretati fis-sens illi jistghu jaffetwaw il-koncepiment tat-tarbija - ara **"Ronald Bray vs Charmaine Bray"** deciza

mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Novembru 1997 u **"Spiteri vs Cilia"** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Jannar 1998.

Illi sentenzi ohra tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili li jirrispekkjaw dawn il-principji huma **"Antonella Bartolo vs Paul Fava"** deciza fit-30 ta' Jannar 1998, **"Miriam Salerno noe vs Joseph Salerno et"** deciza fil-15 ta' Settembru 1998, u **"George Grech vs Nazzareno Grech et"** deciza fit-30 ta' April 1999.

Illi dawn il-principji kollha gew ikkonfermati fis-sentenzi **"Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella"** (P.A. (RCP) deciza fl-1 ta' Marzu 2001 Cit Nru: 1841/98/RCP); **"Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit Nru. 190/97/RCP, **"Anthony Sant vs John Cutajar et"** (P.A. RCP 10 ta' Novembru 1999); **"Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** (P.A. RCP deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit Nru: 190/97/RCP); **"Natalino Scerri vs Giovanni Minafo`"** (P.A. RCP deciza fl-14 ta' April 2000 – Cit Nru 1919/98/RCP).

Illi in effetti din il-kawza ta' *denegata paternita'* saret a bazi tal-**artikolu 73 tal-Kap 16** u fit-terminu hemm preskritt, u *di piu`* a bazi tal-interpretazzjoni fuq moghtija ghall-artikoli ohra tal-istess Kap, din l-istess interpretazzjoni ghandha tinghata ghall-**artikolu 70 (1) (a) u (d) tal-istess Kap 16.**

Illi tenut kont tal-fatt li din l-azzjoni saret mir-ragel tal-omm a bazi tal-**artikolu 70 tal-Kap 16** jidher li dawn il-principji jinsabu kkonfermati mid-dispozizzjonijiet **1 (a) (b) (c) (d)** tal-istess artikolu u anke mid-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 73 tal-Kap 16** li jimponi terminu meta l-istess ragel, u ghalhekk l-attur f'din il-kawza jista' jaghmel din l-azzjoni.

Illi fil-fatt l-**artikolu 73 tal-Kap 16** jipprovdi li:

***73.*** *Fil-kazijiet illi r-ragel jista' jaghmel kawza sabiex jichad li jaghraf tifel bhala ibnu, hu ghandu jaghmel l-azzjoni:*

*(a) fi zmien sitt xhur mit-twelid, jekk huwa f'dak iz-zmien kien jinsab f'Malta;*

*(b) fi zmien sitt xhur minn dak in-nhar li jigi lura f'Malta, jekk fiz-zmien tat-twelid hu kien nieqes minn Malta;*

*(c) fi zmien sitt xhur minn dakinhar li jikxef il-qerq, jekk it-twelid kien gie lilu mohbi.*

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-**artikolu 70** maghdud mal-**artikolu 73** jindika bic-car li tali azzjoni hija proponibbli meta l-minuri in kwisjoni li dwaru tkun qed issir it-talba ma jkunx ottjena dak il-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu, kif deskritt u stabbilit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk il-gurisprudenza fuq riferita mehuda fl-ambitu u suggetta ghal dak li hemm indikat partikolarment fl-**artikolu 70 tal-Kap 16** japplika wkoll ghall-kaz *de quo.*

**(iii)** <u>**APPREZZAMENT TAL-PROVI.**</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta fl-ewwel lok li l-attur u l-konvenuta kienu separati *de facto* b'effett mid-data tat-13 ta' Dicembru 2001 u mill-ewwel l-istess konvenuta kellha relazzjoni mal-konvenut l-iehor Emanuel Bugeja u frott tal-istess relazzjoni twieled il-minuri Kyle fit-8 ta' Ottubru 2002, liema tarbija trabbiet mill-istess konvenuta u dan Emmanel Bugeja u ghalhekk jidher li l-istess minuri, *nonostante* dak li hemm fic-certifikat tat-twelid taghha llum ma kellu qatt l-istat ta' wild legittima fil-parametri tal-ligi, u fil-fatt l-istess attur qatt ma kellu kuntatt mieghu.

Illi apparti li t-termini fuq indikati sabiex tirnexxi l-azzjoni attrici kollha jirrizultaw, hemm ukoll id-dikjarazzjoni tal-omm, u wkoll l-impossibbilta' fizika li l-istess minuri tkun wild l-attur *ai termini* tal-ligi u certament li mill-provi kollha prodotti jirrizulta li t-talba attrici ghandha tigi milqugha.

Illi applikati l-principji fuq esposti ghall-kaz *de quo* jirrizulta wkoll mill-provi prodotti quddiem din l-Qorti li l-istess minuri huwa effettivament u bijologikament wild Emanuel Bugeja (Karta tal-Identita' Numru 552558 (M) u Marianne Agius (Karta tal-Identita' Numru 031158 (M), u fil-fatt dan huwa ndikat car mid-*DNA Tests* datati 11 ta' Novembru

2002 li jinsabu esebiti a fol. 49 sa fol. 50 tal-process, li prattikament jeskludu lill-attur Anthony Spagnol milli jkun il-missier tal-istess minuri.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku in kwantu l-istess huma nkompatibbli u kontrastanti ma' dak hawn deciz, u fuq ammissjoni tal-konvenuta proprju, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-imsemmi minuri Kyle Spagnol ma huwiex it-tifel naturali ta' l-attur Anthony Spagnol b'mod li ghalhekk hemm lok ghall-korrezzjoni ta' l-Att tat-twelid ta' l-imsemmi minuri f'dan is-sens u cjoe' li kull riferenza ghall-attur bhala missier l-istess minuri tigi kancellata.

3. Tordna ghalhekk il-korrezzjoni fl-Att tat-twelid ta' l-imsemmi minuri Kyle Spagnol, numru 3731/2002 b'mod illi r-rizultanzi ta' l-ewwel talba jigu korrettament u fedelment rispekkjati fl-istess certifikat ta' twelid billi, *inter alia* jigu kancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid, l-isem u l-konnotati kollha l-ohra ta' l-attur Anthony Spagnol u l-istess jigu sostitwiti bid-dettalji kollha ta' Emanuel Bugeja li ghandu l-Karta tal-Identita' Numru 552588 (M) (data ta' twelid 10 ta' Awissu 1958), u kull korrezzjoni ohra necessarja li turi li l-istess Emanuel Bugeja huwa l-missier naturali tal-istess minuri.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* ta' l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghanda ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16.**

L-ispejjez kollha ta’ din il-kawza ghandhom jibqghu a karigu tal-konvenuta proprju.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------